# ISSA

Issa żagħżugħ.
Għajnejja kulfejn tħares
tara seħer u ġmiel
fis-sema, fl-art, fil-baħar.
Fi tlugħ ix-xemx, fi nżulha
inħares 'l hemm
minn fejn id-dawl ifiġġ u 'l hemm fejn jgħib,
bla ħsieb, bla ħsus, bla kliem,
miġbud, miżmum minn setgħa
li hemm fix-xemx,
li hemm fid-dawl, fil-ġmiel.

Niket u dwejjaq
iżuruni sikwit,
issa fis-skiet u l-ħemda,
issa f'taqlib u biki,
dejjem b'qilla li twaħħax,
li twaqqa', li ġġarraf
kulma nkun bnejt ġo fija.

Naħbat nintilef f'ġenn ta' mħabba
u nitlob u nixtieq,
neħber u noħlom.
Imbagħ'd nintelaq
u, bl-ebda ħrara u bl-ebda ħeġġa,
inqis mitluf iż-żmien tal-ħajja,
u rrid il-mewt.

M. Mizzi.
(Student tal-Letteratura)

2—2—39